# FIL-QORTI ĊIVILI – PRIM AWLA

## ONOR. IMĦALLEF

## IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

## Illum, il-Ġimgħa, 4 ta' Ottubru, 2024

## Rik. Nru. 1530/2024 ISB

Fl-Atti tar-Rikors għall-Ħruġ ta' **Mandat ta' Inibizzjoni Numru 1530/2024 ISB** fl-ismijiet:

(1) **Charles Richard**, healthcare assistant, miżżewweġ, iben il-mejtin Carmelo Richard u Carmen Richard nee' Baldacchino, imwieled fit-23 ta' Gunju 1968 ġewwa Bormla u residenti Bormla, detentur tal-karta tal-identita' numru 266368(M)

vs

(1) **Dorothy Richard**, mara tad-dar, legalment separata minn Joseph Mangion, bint l-mejtin Carmelo Richard u Carmen Richard nee Baldacchino, mwielda Bormla fit-8 ta' Gunju 1980 u residenti Bormla, detentriċi tal-karta tal-identita' 361380(M)

(2) **Carol Cassar**, nee' Richard, mini bus driver, legalment separata minn Noel Cassar, bint il-mejtin Carmelo Richard u Carmen Richard nee' Baldacchino, mwielda Pieta' fid-29 ta' April 1971 u residenti Bormla, detentriċi tal-karta ta'l-identita' 191171(M)

(3) **Kevlin Richard**, healthcare assistant, xebba, bint missier mhux magħruf u Debora Richard nee' Richard imwielda Pieta' nhar it-28 ta' Ġunju 1997 u residenti Paola, detentriċi tal-karta ta' l-identita' 261697(M)

(4) **Abigail Richard**, xebba, human resources manager, bint missier mhux magħruf u Debora Richard, imwielda Pieta' nhar l-14 ta' Jannar 2000 u residenti Fgura, detentriċi tal-karta tal-identita' 32900(L)

(5) **Debora Richard**, mara tad-dar, xebba, bint il-mejtin Carmelo Richard u Carmen Richard nee Baldacchino, imwielda Pieta nhar is-6 ta' Awwissu 1976 u residenti Marsaskala, detentriċi tal-karta tal-identita' 397576(M) li flimkien ma' Maximilian Grima, bla impjieg, ġuvni, iben Carmelo Grima u Josephine Grima nee Silvio', mwieled l-Pieta' nhar l-4 ta' Ġunju 1983 u residenti Paola detentur tal-karta tal-identita' numru 309283(M) kif debitament awtoriżżati mill-Qorti Ċivili (Ġurisdizzjoni Volontarja) permezz ta' rikors u digriet numerat elfejn u tmienja u erbgħin tas-sena elfejn u dsatax (2048/2019), bħala kuraturi flimkien u in solidum għan-nom ta' binhom **Jayken Max Grima Richard**, student minorenni, iben Maximilian Grima u Deborah Richard nee' Richard, imwieled Tal-Qroqq Msida nhar it-18 ta' Settembru 2013 u residenti Paola, detentur tal-karta tal-identita' numru 446613(L)

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fit-18 ta' Settembru 2024, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, ir-rikorrent talab, sabiex jikkawtela il-kreditu hawn taħt imsemmi kontra l-intimati, lil din l-Onorabbli Qorti li tordna l-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni kontra l-intimati sabiex jinżammu milli jbiegħu, ineħħu, jittrasferixxu jew jiddisponu inter vivos mill-proprjeta' hawn taħt indikata sew b'titolu onoruż jew gratwitu jew b'xi mod joħolqu piż jew drittijiet reali u, jew personali, fuq il-proprjeta' –

1. **'Terraced House' bin-numru uffiċjali għaxra (10) fi Triq San Lazzru, Bormla**
2. **Mezzanin, bin-numru uffiċjali tmienja u għoxrin (28) fi Triq Matty Grima, Bormla, bl-arja tiegħu**

u dan b'ħarsien ta' pretensjoni ta' **tlieta u sebgħin elf, sitt mija u sitta u disgħin elf Euro u ħamsa u sittin ċenteżmu (EUR73,696.65)** u b'riżerva għal somma akbar dovuta lir-rikorrent bħala s-sehem riżervat mill-wirt tal-ġenituri tiegħu.

Rat id-digriet tagħha tat-18 ta' Settembru 2024, li biħ din il-Qorti ordnat in-notifika lill-intimat bi żmien għat-tweġiba u poġġiet ir-rikors għas-smigħ għall-udjenza tal-30 ta' Settembru 2024.

Rat ir-Risposta tal-intimati tas-26 ta' Settembru 2024.

Rat il-verbal tas-seduta miżmuma nhar it-30 ta' Ottubru 2024.

Rat in-Nota tal-intimati ppreżentata dakinhar stess wara s-seduta, kontenenti kopja ta' ċedola ta' depositu ppreżentata dakinhar stess.

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat ulterjorment**:

Illi din il-proċedura tal-lum tressqet ai termini ta' l-artikolu **874 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** u trid titqies fil-qafas tal-ħtieġa li Mandat ta' Inibizzjoni, jekk jintlaqa', jkun jista' jintrabat ma' ġid li bla xkiel ikun identifikat u magħruf, ladarba l-għan ta' mandat bħal dak mhuwiex li jittrasferixxi l-ġid milqut imma biss li jidentifikaħ u jagħrfu minn ġid ieħor.

Illi għal finijiet tal-artikolu 874 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, il-kejl waħdieni li trid tqis il-Qorti huwa biss jekk kemm-il darba l-pretensjoni ta' min jitlob il-ħruġ ta' Mandat bħal dak taqbiżx l-ammont ta' ħdax-il elf, sitt mija u sitta u erbgħin euro u sitta u tmenin ċenteżmi (€11,646.86). Jekk taqbeż dik is-somma, dak l-element jikkostitwixxi l-jedd mad-daqqa t'għajn tar-rikorrenti biex jinħareġ il-Mandat minnha mitlub.

Tqis ukoll li l-artikolu 874(1) jgħid ċar li Mandat bħal dak jista' jinħareġ fuq is-saħħa ta' "*dejn, jew kull pretensjoni oħra"* sakemm tkun pretensjoni li taqbeż l-ammont li dwaru Mandat bħal dak jista' jinħareġ. Il-liġi ma tgħidx u ma tiddistingwix x'għamla ta' pretensjoni tista' tkun, sakemm hija pretensjoni li tissarraf f'valur ogħla mil-limitu msemmi f'dak l-artikolu.

Illi, minkejja t-termini partikolari tal-imsemmi artikolu, <u>huwa meħtieġ li min jitlob il-ħruġ ta' Mandat bħal dan juri lill-Qorti x'għamla ta' pretensjoni hi u kif il-ħruġ tal-Mandat huwa meħtieġ għall-ħarsien tagħha</u>.

Illi dwar il-pretensjoni tar-rikorrenti ma tantx hemm x'jingħad u hemm qbil bejn il-kontendenti illi dawk il-pretensjonijiet jinsabu għal ġudizzju tal-Qrati.

Li qed jikkontendu fermament l-intimati huwa illi r-rikorrenti, in kawtela tal-pretensjoni tiegħu, ġja kien ppreżenta Mandat ta' Sekwestru kontra l-istess intimati, Mandat ta' Sekwestru Nru 1141/2024 u in segwitu għall-istess Mandat ta' Sekwestru kienu ġja ġew depositati flejjes fir-Reġistru tal-Qorti.

Filwaqt illi sal-ħin tas-seduta miżmuma, kien jidher paċifiku illi s-somma li kienet hekk depositata ma kinitx tlaħħaq is-somma illi kien qed jittenta jikkawtela r-rikorrent, l-intimati sostnew illi in effetti il-flejjes kienu kollha maqbuda, u kien biss id-depositu illi ma kienx għadu sar. Jirriżulta illi wara s-seduta ġiet preżentata nota tal-intimati, b'kopja ta' ċedola ta' depositu oħra <u>ta' dakinhar stess</u>, sabiex b'hekk, is-somma kawtelata

kienet issa kollha depositata fir-Reġistru tal-Qorti in segwitu għal Mandat ta' Sekwestru hawn fuq msemmi.

Il-Qorti għalhekk tqis illi s-somma pretiza mir-rikorrent tinsab ben kawtelata, u anke jekk ma kinitx in toto hekk kawtelata sal-preżentata ta' din ir-Rikors, b'dana kollu tidher issa illi hija ben kawtelata bi flejjes depositati fir-Reġistru tal-Qorti. Il-Qorti għalhekk tqis illi l-ħruġ ta' dan il-Mandat hekk mitlub ma għadux aktar meħtieġ għal ħarsien tal-pretensjonijiet tar-rikorrenti illi jinsabu ġja ben kawtelati.

**GĦALDAQSTANT**, il-Qorti qegħda tgħaddi biex tiddeċiedi dwar it-talba għal ħruġ ta' dan il-Mandat billi **tiċħadha**.

In vista' taċ-ċirkostanzi kif żvolġew, kull parti tbati l-ispejjeż tagħha.

**Mogħti kameralment illum, il-Ġimgħa, 4 ta' Ottubru 2024.**

**Ian Spiteri Bailey**
**Onor. Imħallef**

**Amanda Cassar**
**Dep. Reġistratur**